MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Numru. 426/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**
**KONTRA**

**DARREN WOODHEAD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Darren Woodhead ta’ 33 sena, bin Leslie John u Dolores nee’ Mallia, mwieled Pieta’ 11 ta’ Ottubru 1977, residenti Blk N Flat 8, Triq Znuber, Santa Lucija u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 526477;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fis- 17 ta' Jannar 2011 ghal habta tat- 3.00am u hinijiet qabel waqt li kien fil- gallarija tal- fond Blk N Flat 8, sitwat fi Triq iz- Znuber Santa Lucija;

1) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b' arma irregolari (b' banketta), u cioe' ghamel hsara fuq vettura tal- ghamla Volkswagen Bora numru tar- registrazzjoni EBO 156 ghad- dannu ta' Jonathan Farrugia minn B' Bugia liema hsara ma tiskorrix €1164.69 imma izjed minn €116.47;

2) Talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Jonathan Farrugia minn B' Bugia ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil- Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat ingurja b' mod li hareg aktar milli jmissu;

3) ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b' xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra fil- Kodici Kriminali kiser volontarjament il- buon ordni jew il- kwiet pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b'mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tisma' l-kawza tieghu bi procedura sommarja, u ghalhekk din il-Qorti giet hekk ikkonvertita ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-

Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jirrisultaw soddisfacentement ippruvati ghall-Qorti, minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi kollha.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

Din il-kawza tittratta argument li qam bejn l-imputat u l-parti leza, certu Jonathan Farrugia. Irrisulta li t-tnejn kellhom argument bejniethom fuq kwistjoni ta’ familja u n-nies li huma jafu u jghixu maghhom, u spiccaw wettqu danni fuq il-vetturi ta’ xulxin. Di fatti l-Pulizija hadet passi kontra t-tnejn li huma. Ghall-fini ta’ piena, peress illi jidher li kien hemm element qawwi ta’ provokazzjoni mil-parti l-ohra, il-Qorti sejra tkun ftit miti mal-imputat, anke in vista tal-fatt li hu kkopera mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 325 (1) (b), 338 (dd), 339 (1)(d) u (e), 383, 384 u 385 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat

iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------